# Beati u Qaddisin...Jannar

4 ta' Jannar

Santa Elizabeta Seton

Twieldet fi New York, bint tabib, Elizabetta Seton hija l-fundatrici tas-sorijiet tal-karita' ta' San Guzepp, kongregazzjoni mxerrda hafna fl-Istati Uniti. Rat l-ewwel dawl tad-dinja fit-28 ta' Awissu 1774 hu kienet thaddan il-fidi episkipoljana imma wara l-mewt ta' zewgha kkonvertit ghal-fidi nisranija .




Zewgha safa fallut u sahhtu marret lura hafna.Hu kellu jmur l-Ialja fejn kellu xi hbieb tan-negozju li setghu jsostnuh u jghinuh. Izda hemmhekk hu miet. Hija hasset ix-xewqa li iddur lejn il-fidi nisranija u shabha ghenuha hafna lejn il-konverzjoni fil-fidi kattolika. Regghet lura l-Amerka u bdiet tahdem biex twaqqaf kongregazzjoni ta' sorijiet.

Il-kongregazjoni taghha kienet l-ewwel wahda femminili fl-Amerika. Kienet superjura ta' l-ghada ghal kwazi 10 snin, liema zmien hija kienet ta' servizz ghall-fqar u ghall-batuti. Fl-istess hin hija ta il-kontibut taghha biex jitmexxew l-iskejjel parrokjali.

Bhala regola hija kellha il-permess li taddotta dik tas-sorijiet ta' San Vincenz de Paoli. Mietet fl-4 ta' Jannar 1821 ta' 46 snin. Giet ibbejatifikata fis-sena 1963 mill-Papa Giovanni XXIII u mghollija ghall-gieh ta' l-artali fl-14 ta' Settembru mill-Papa Pawlu VI.